**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 343/12VG**

**XXX**

**Vs**

**Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)**

**Illum 6 ta' Marzu 2018**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà XXX fil-21 ta' Dicembru 2012 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal, prevja dikjarazzjoni li d-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) datata 28 ta' Novembru 2012 hija nulla, jirrimanda l-atti lura lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghad-decizjoni tieghu skond il-Ligi jew fin-nuqqas, ihassar u jirrevoka l-istess decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) datata 28 ta' Novembru 2012 u minflok jiddikjara li hija kienet effettivament tissodisfa l-kondizzjoni stipulata fil-Paragrafu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012 u konsegwentement jilqa' t-talba taghha kif dedotta fl-ittra datata 23 ta' Lulju 2012 u jordna t-tnaqqis fl-imghaxijiet u fil-penali amministrattivi kif kontemplat fl-istess Avviz Legali 112 ta' l-2012, bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud);

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "E" a fol. 7 sa' 12 tal-process;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li: (a) id-decizjoni moghtija minnu fl-ittra datata 28 ta' Novembru 2012 kienet motivata peress li semma' fuq liema termini tal-Ligi ma kienx qed jilqa' t-talba tas-socjetà Rikorrenti sabiex tusufruwixxi mill-Iskema ta' Mahfra ta' Multi Amministrattivi w Imghaxijiet, u fi kwalunkwe kaz dan it-Tribunal ma huwiex il-forum idoneju fejn jitressqu referenzi kostituzzjonali; u (ii) ladarba s-socjetà Rikorrenti ma ssottomettietx il-pagament flimkien mad-denunzji tat-taxxa taghha ghall-perijodi ta' taxxa 01.03.12-31.05.12 u 01.03.12-

31.08.12, hija giet li vvjolat dak provdut fl-Artikolu 27(4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Paragrafu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012;

Sema' x-xhieda ta' Roderick Sultana, in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), moghtija waqt is-seduti tas-16 ta' Lulju 2013[1] u tas-16 ta' Mejju 2014[2] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "RS" a fol. 33 sa' 36 tal-process u sema' x-xhieda ta' Ronald Azzopardi moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2014[3];

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti a fol. 57 sa' 67 tal-process u n-Nota Responsiva tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) a fol. 69 sa' 79 tal-process;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'ittra datata 23 ta' Lulju 2012[4], Ronald Azzopardi, Direttur tas-socjetà Rikorrenti, gharraf u talab lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) is-segwenti: *following the extension to the remittance of interest and administrative penalties scheme announced by the VAT Department through a press release issued on the 15th of June 2012, we are hereby writing to you for the purposes of requesting your kind self to re-consider our VAT position for the purpose of making us eligible for the scheme as extended. Please note that as a result of unforeseen sickness on my part, as director of the company, we did not manage to fulfil all the necessary conditions in order to be eligible to benefit from the scheme. However, following the final extension granted to tax payers by the VAT Department, and given that our obligations were not met as a result of my lack of well-being, we would be highly grateful should you accept that our company makes benefit from the remission scheme.* B'ittra datata 25 ta' Lulju 2012[5], id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) gharraf lis-socjetà Rikorrenti li: *I refer to your letter dated 23rd July 2012 whereby you requested that XXX XXX Ltd. is considered eligible for Remittance of Interest and Administrative Penalties. Kindly note that this request cannot be considered because to date the company has failed to pay the return tax due for period 01/09/2011-30/11/2011 (€8,807.23). Hence, XXX XXX Ltd. is requested to forward the payment indicated above by 7 August 2012, following which the Director General, VAT would be in a position to reconsider your request.* Is-socjetà Rikorrenti ottjeniet estensjoni taz-zmien ghall-hlas tas-somma ta' €8,807.23, liema ammont effettivament thallas permezz ta' Bank Draft mahrug mill-Bank of Valletta p.l.c. fil-21 ta' Awwissu 2012[6]. B'ittra ohra datata 28 ta' Novembru 2012[7], id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) gharraf lis-socjetà Rikorrenti li *reference is made to your letter requesting the Director*

[1] Fol. 37 sa' 40 tal-process.
[2] Fol. 52 sa' 56 tal-process.
[3] Fol. 45 sa' 49 tal-process.
[4] Dok. "A" a fol. 7 tal-process.
[5] Dok. "B" a fol. 8 tal-process.
[6] Dok. "D" a fol. 11a tal-process.
[7] Dok. "E" a fol. 12 tal-process.

*General to reconsider your qualification in the above-mentioned scheme* – ossia Scheme for Remittance of Interest and Administrative Penalties. *Please note that following the necessary verifications it transpired that you have not satisfied the following condition/s: Paragraph 4(c) in Annex A of Legal Notice 112 of 2012. In the light of the above it is regretted that your request cannot be acceded to. However, if you are aggrieved by this decision, you may file an appeal with the Administrative Review Tribunal as per article 44(j) of the VAT Act.*

Bhala fatt is-socjetà Rikorrenti istitwiet il-proceduri odjerni fejn titlob li t-Tribunal, prevja dikjarazzjoni li d-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) datata 28 ta' Novembru 2012 hija nulla, jirrimanda l-atti lura lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghad-decizjoni tieghu skond il-Ligi jew fin-nuqqas, ihassar u jirrevoka l-istess decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) datata 28 ta' Novembru 2012 u minflok jiddikjara li hija kienet effettivament tissodisfa l-kondizzjoni stipulata fil-Paragrafu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012 u konsegwentement jilqa' t-talba taghha kif dedotta fl-ittra datata 23 ta' Lulju 2012 u jordna t-tnaqqis fl-imghaxijiet u fil-penali amministrattivi kif kontemplat fl-istess Avviz Legali 112 ta' l-2012.

Is-socjetà Rikorrenti tibbaza t-talbiet taghha fuq is-segwenti aggravji: (i) *id-decizjoni tad-Direttur intimat tat-28 ta' Novembru 2012 hija decizjoni bla ebda motivazzjoni ta' xejn u ma fiha l-ebda referenza ghar-ragunijiet ghaliex skond id-Direttur intimat, l-esponenti ma kenitx issodisfat il-kondizzjoni indikata f'Paragrafu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012. Illi, fil-fatt, id-decizjoni tad-Direttur intimat ma fiha l-ebda konsiderazzjoni jew spjegazzjoni ghaliex it-talba ta' l-esponenti ma kenitx giet milqugha, u dan, fil-fehma umli ta' l-esponenti, sahansitra jilledi d-dritt ta' l-esponenti li tipprezenta l-appell odjern billi l-istess esponenti ma tistax tibbaza l-istess appell fuq il-mertu veru u prorpju tad-decizjoni appellata, ossija fuq l-apprezzament u l-konsiderazzjonijiet li gew maghmula mid-Direttur intimat, u dan bi ksur tal-principji tant bazilari ta' smigh xieraq. Illi, f'dan il-kuntest, jigi nnutat ukoll illi kull entità amministrattiva ghandha skond l-Artikolu 469A et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), tosserva l-principji tal-gustizzja naturali, u htigijiet mandatorji ohrajn, fit-twettiq ta' kull eghmil amministrattiv. Illi dawn huma il-principji minimi li ghandhom jigu osservati f'kull procedura quddiem kull entità amministrattiva. Fil-fatt dawn il-principji huma tant bazilari li lanqas hemm bzonn illi jkunu espressi f'disposizzjonijiet ad hoc, billi huma principji li ghandhom, f'kull kaz, jigu osservati fit-tmexxija ta' l-amministrazzjoni pubblika. Illi n-nuqqas ta' osservanza ta' l-istess principji jwasslu … ghall-irritwalità ta' l-eghmejjel hekk imwettqa u konsegwentement ghandhom iwasslu wkoll ghat-thassir taghhom. Il-Qrati taghna dejjem hekk sostnew, u dan huwa sine qua non ghall-validità ta' kull decizjoni moghtija minn kull organu li ghandu l-awtorità, id-dritt u d-doveri li jiddeciedi*; u (ii) fil-mertu, minn qari ta' l-Artikolu 4 (c) ta' l-Annex A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012 *ghandu jirrizulta car u manifest illi, jekk kemm-il darba persuna tissodisfa l-kondizzjonijiet hemm imfissra, id-Direttur intimat ghandu jilqa' t-talba ghat-thassir ta' l-imghaxijiet u l-penali amminsitrattivi, u konsegwentement ma ghandu l-ebda diskrezzjoni ulterjuri fir-rigward. Illi, f'dan ir-rigward, tajjeb illi jinghad illi d-Direttur ta' l-esponenti, Ronald*

*Azzopardi, gie accertat, aktar minn darba, illi l-uniku xkiel illi kien hemm ghat-talba ta' l-istess esponenti tat-23 ta' Lulju 2012, kien jirrigwarda unikament il-pagament illi kien dovut mill-istess esponenti lid-Direttur intimat in konnessjoni mad-denunzja relattiva ghal perjodu mill-1 ta' Settembru 2011 sat-30 ta' Novembru 2011, u dan kif sahansitra gie mfisser fl-ittra ta' l-istess Direttur intimat tal-25 ta' Lulju 2012. Illi, madanakollu, minkejja li l-esponenti ottemprat ruhha ma' l-ittra tad-Direttur intimat suriferita, billi ghamlet il-hlas relattiv fl-ammont ta' €8,807.23, l-istess Direttur intimat, wara xhur shah minn meta l-esponenti ottemperat ruhha kif inghad, xorta wahda ddecieda li jichad it-talba ta' l-esponenti tat-23 ta' Lulju 2012. Illi minkejja li tali cahda, kif digà inghad, saret ghal ragunijiet illi qatt ma gew spjegati fid-decizjoni tad-Direttur intimat tat-28 ta' Novembru 2012, l-esponenti temmen li hija tista' ragjonevolment tikkonkludi li dawn kienu ragunijiet diversi minn dawk imfissra fl-ittra ta' l-istess Direttur intimat tal-25 ta' Lulju 2012, billi, kif già inghad, f'dak l-istadju, id-denunzja relattiva ghal perjodu mill-1 ta' Settembru 2011 sat-30 ta' Novembru 2011 kienet thallset fl-intier taghha. Illi, madanakollu, nhar it-28 ta' Novembru 2012, l-esponenti ma kellha l-ebda denunzja li kellha tiddahhal sal-15 ta' April 2012, u li ma kenitx iddahhlet, jew li kienet iddahhlet minghajr hlas, skond Paragrafu 4(c) sucitat, b'dan, ghalhekk illi t-talba ta' l-esponenti kif dedotta fl-ittra taghha tat-23 ta' Lulju 2012 ma setghet qatt tigi michuda abbazi ta' l-istess imsemmi paragrafu*[8] .

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghat-talbiet tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jigu michuda stante li: (a) id-decizjoni moghtija minnu fl-ittra datata 28 ta' Novembru 2012 kienet motivata peress li semma' fuq liema termini tal-Ligi ma kienx qed jilqa' t-talba tas-socjetà Rikorrenti sabiex tusufruwixxi mill-Iskema ta' Mahfra ta' Multi Amministrattivi w Imghaxijiet, u fi kwalunkwe kaz dan it-Tribunal ma huwiex il-forum idoneju fejn jitressqu referenzi kostituzzjonali; u (ii) ladarba s-socjetà Rikorrenti ma ssottomettietx il-pagament flimkiem mad-denunzji tat-taxxa taghha ghall-perijodi ta' taxxa 01.03.12-31.05.12 u 01.03.12-31.08.12, hija giet li ivvjolat dak provdut fl-Artikolu 27(4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Paragrafu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012.
It-Tribunal se jittratta l-ewwel il-kwistjoni ta' natura preliminari sollevata mis-socjetà Rikorrenti u cioè l-allegata nullità tad-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) datata 28 ta' Novembru 2012 stante li, skont is-socjetà Rikorrenti, tali decizjoni kienet ghal kollox priva minn kull motivazzjoni u spjegazzjoni in bazi ghal liema l-istess Direttur Generali cahad it-talba taghha biex tigi awtorizzata tibbenefika mill-Iskema ta' Thassir ta' Imghax u Multi Amministrattivi stipulata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012.

Id-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) notifikata lis-socjetà Rikorrenti b'ittra datata 28 ta' Novembru 2012 kienet, kif già iktar 'l fuq osservat, tipprovdi li: *reference is made to your letter requesting the Director General to reconsider your qualification in the above-mentioned scheme* – ossia Scheme for Remittance of Interest and Administrative Penalties. *Please note that following the necessary verifications it transpired that you have not satisfied the*

[8] Fol. 2 u 3 tal-process.

*following condition/s:* ***Paragraph 4(c) in Annex A of Legal Notice 112 of 2012***[9]*. In the light of the above it is regretted that your request cannot be acceded to. However, if you are aggrieved by this decision, you may file an appeal with the Administrative Review Tribunal as per article 44(j) of the VAT Act.*

Minn din l-ittra jirrizulta immedjatament evidenti li, kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti, id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), ta raguni u spjegazzjoni ghalfejn kien qed jichad it-talba tas-socjetà Rikorrenti biex tigi awtorizzata tibbenefika mill-Iskema ta' Thassir ta' Imghax u Multi Amministrattivi stipulata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012,u cioè ghaliex hija ma ossodisfatx il-kondizzjoni stipulata fl-Artikolu 4(c) ta' l-Annex A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012. Ghalkemm ma hemmx dubju li r-raguni moghtija mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) hija wahda skjetta u sintetika, xorta jibqa' l-fatt li huwa ta informazzjoni bizzejjed in bazi ghal liema s-socjetà Rikorrenti setghet, kieku indenjat ruhha tirreferi ghall-Annex A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012 u b'mod partikolari ghall-Artikolu 4 ta' l-istess, li del resto huwa dokument legali pubbliku u kellha kull obbligu, jekk mhux addirittura interess li taghmel hekk, facilment tkun taf f'iktar dettal in bazi ghal liema raguni d-Direttur Generali cahad it-talba taghha.

L-Artikolu 4(c) ta' l-Annex A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012 jipprovdi li: *Persuna registrata taht xi wiehed mill-Atti* (li ghalihom japplika l-Avviz Legali, fosthom l-Att ta' l-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) *ghandha tikkwalifika ghat-thassir skond dan l-Anness jekk: … (c) id-denunzji ta' taxxa kollha dovuti fil-15 ta' Novembru 2011 u fid-dati li fihom sussegwentement huma dovuti d-denunzji ta' wara din id-data jiddahhlu sad-data li kienu dovuti flimkien mal-pagament shih li jkun dikjarat fid-denunzji ta' taxxa rispettivi: Izda persuna registrata tibqa' elegibbli ghat-thassir taht l-iskema meta denunzja ta' taxxa li kellha tiddahhal sal-15 ta' Novembru 2011, 15 ta' Dicembru 2011, 15 ta' Jannar 2012, 15 ta' Frar 2012, 15 ta' Marzu 2012 jew 15 ta' April 2012, tiddahhal bil-hlas shih, jekk ikun hemm, sa' mhux aktar tard mill-15 ta' April 2012, f'liem kaz id-data applikabbli ghall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Anness ghandha tkun meqjusa li tkun id-data ta' meta kienet dovuta li tiddahhal l-ahhar denunzja ta' taxxa li tkun iddahhlet.*

Dan l-artikolu tal-Ligi huwa relattivament car ghaliex fl-ahhar mill-ahhar jittratta dwar denunzji tat-taxxa tat-*taxpayer*, fil-kaz in ezami tas-socjetà Rikorrenti, li jigu sottomessi mit-*taxpayer* innifsu, li allura ghandu jkun jaf ben car x'ghamel u x'ma ghamilx fir-rigward ta' l-istess u konsegwentement ikun jista' jiddetermina jekk id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kellux ragun jew le f'li jichad it-talba ghall-ammissjoni ghall-Iskema kontemplata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012.

Fir-rigward jigi osservat li ghalkemm is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li d-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) tat-28 ta' Novembru 2012 tilledi *d-dritt ta' l-esponenti li tipprezenta l-appell odjern billi l-istess esponenti ma tistax tibbaza l-istess appell fuq il-mertu veru u prorpju tad-*

---

[9] Enfasi tat-Tribunal.

*decizjoni appellata, ossija fuq l-apprezzament u l-konsiderazzjonijiet li gew maghmula mid-Direttur intimat, u dan bi ksur tal-principji tant bazilari ta' smigh xieraq*[10]*,* l-istess socjetà ma jidher li kellha l-ebda problema li tattakka tali decizjoni fil-mertu wkoll billi fit-tieni aggravju taghha tikkontendi appuntu, fost affarijiet ohra, li *l-esponenti ma kellha l-ebda denunzja li kellha tiddahhal sal-15 ta' April 2012, u li ma kenitx iddahhlet, jew li kienet iddahhlet minghajr hlas, skond Paragrafu 4(c) sucitat, b'dan, ghalhekk illi t-talba ta' l-esponenti kif dedotta fl-ittra taghha tat-23 ta' Lulju 2012 ma setghet qatt tigi michuda abbazi ta' l-istess imsemmi paragrafu.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li d-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) datata 28 ta' Novembru 2012, ma hijiex bla motivazzjoni u bla indikazzjoni tar-raguni in bazi ghal liema giet michuda t-talba avvanzata mis-socjetà Rikorrenti fl-ittra tat-23 ta' Lulju 2012 u konsegwentement ma hijiex nulla. B'hekk l-ewwel aggravju tas-socjetà Rikorrenti mhux gustifikat u ghaldaqstant ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Kif appena osservat, fil-mertu s-socjetà Rikorrenti tikkontendi li: (i) kuntrarjament ghal dak pretiz mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, hija ma kellha l-ebda denunzja li kellha tiddahhal sal-15 ta' April 2012, u li ma kenitx iddahhlet jew li kienet iddahhlet minghajr hlas; **u** (ii) fi kwalunkwe kaz qatt ma giet infurmata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li kien hemm denunzji tat-taxxa, oltre d-denunzja ghall-perijodu ta' taxxa 01.09.11-30.11.11, li kellhom jidhlu sal-15 ta' April 2012 u li ma kienux dahlu jew jekk iddahhlu ma kienx hemm il-pagament relattiv maghhom.

Fil-fehma tat-Tribunal is-socjetà Rikorrenti qed tinterpreta l-Artikolu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012 b'mod ghal kollox zbaljat u dana jidher ferm car mill-fatt li hija qed tibni u torbot l-argument taghha mad-data tal-**15 ta' April 2012**, li hija d-data li tirrizulta mill-***proviso*** ta' l-imsemmi provvediment u mhux mill-**parti principali** ta' l-istess.

Minn qari akkurat ta' l-Artikolu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012**,** jirrizulta b'mod car li l-kondizzjoni centrali hemm kontemplata u stipulata sabiex *taxpayer* seta' jibbenefika mill-Iskema ta' Thassir ta' Imghax u Multi Amministrattivi, hija li d-denunzji tat-taxxa kollha dovuti **fil-15 ta' Novembru 2011 u f'dati li fihom sussegwentement huma dovuti d-denunzji ta' wara tali data** jiddahhlu sad-data li jkunu dovuti **flimkien** mal-pagament shih li jkun dikjarat f'tali denunzji. Dan ifisser ghalhekk li t-*taxpayer* li japplika sabiex jibbenefika mill-isemmija Skema kellu, a tenur ta' l-imsemmi Artikolu, jassigura li **kull** denunzja tat-taxxa li huwa kellu jissottometti mill-**15 ta' Novembru 2011 'l quddiem**, u dana minghajr limitu ta' zmien però zgur sa' meta t-talba tieghu tigi milqugha, skond meta d-denunzji ta' taxxa sussegwenti jkollhom hekk jigu sottomessi, tigi sottomessa entro d-data meta jkollha tiddahhal **flimkien** mal-pagament dikjarat f'dik id-denunzja. Huwa immedjatament evidenti li dawn iz-zewg kundizzjonijiet huma kumultattivi u mhux alternattivi ghal xulxin u b'hekk ghad illi *taxpayer* jista' jissodisfa kundizzjoni minnhom jekk ma

[10] Rikors promotur, fol. 2 tal-process.

jissodisfax l-ohra wkoll, huwa ma jkunx jista' jibbenefika mill-Iskema ta' Thassir ta' Imghax u Multi Amministrattivi kontemplata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012.

Id-data tal-15 ta' April 2012 tirrizulta mill-*proviso* ta' l-Artikolu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012, liema *proviso* jirreferi **biss** ghad-denunzji ta' taxxa li kellhom jiddahhalu fil-15 ta' Novembru 2011, fil-15 ta' Dicembru 2011, fil-15 ta' Jannar 2012, fil-15 ta' Frar 2012, fil-15 ta' Marzu 2012 u fil-15 ta' April 2012 u li ma kienux hekk iddahhalu entro tali dati, b'mod partikolari ghal dawk li jaqghu qabel il-15 ta' April 2012, bil-pagament shih maghhom. Bil-*proviso* appuntu *taxpayer* li kien f'tali sitwazzjoni seta' fi kwalunkwe kaz jirregolarizza il-posizzjoni tieghu u b'hekk jkun **elegibbli** li jibbenefika mill-Iskema ta' Mahfra kontemplata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012 billi jdahhal tali denunzji bil-pagament shih maghhom entro l-**15 ta' April 2012**.

Fil-fehma tat-Tribunal dan il-*proviso* però bl-ebda mod ma: (i) jezonera *taxpayer* li rregolarizza l-posizzjoni tieghu entro l-15 ta' April 2012 skond dak stipulat fl-istess *proviso*, milli imbaghad joqghod ghal u jottempera ruhu mal-kondizzjoni imposta fil-parti centrali ta' l-Artikolu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012 u cioè li d-denunzji sussegwenti l-ohra kollha effettivament jiddahhlu entro d-data li fihom ikollhom jiddahhalu bil-pagament shih maghhom bil-pagament shih dovut imhallas maghhom sabiex ikun jista' **jibbenefika** mill-Iskema ta' Thassir; u/jew (ii) jezonera *taxpayer* li già kien issottometta d-denunzji li kellhom jiddahhlu bejn il-15 ta' Novembru 2011 u l-15 ta' April 2012 entro d-dati li fihom kellhom hekk jiddahhalu bil-pagament shih maghhom, milli joqghod ghal u jottempera ruhu mal-kondizzjoni imposta fil-parti centrali ta' l-Artikolu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012 biex **jibbenefika** mill-Iskema ta' Thassir.

Meta l-fatti tal-kaz jigu kkunsidrati fil-kuntest ta' din l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012, li fil-fehma tat-Tribunal hija l-unika interpretazzjoni li tista' tinghata li dan id-dispositiv tal-Ligi, jirrizulta immedjatament evidenti li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma kellux triq ohra ghajr li jichad it-talba tas-socjetà Rikorrenti biex tigi awtorizzata tibbenefika mill-Iskema ta' Thassir ta' Imghax u Multi Amministrattivi stipulata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012.

Mill-provi prodotti, senjatament mix-xhieda moghtija minn Roderic Sultana, in rappreżentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) waqt is-seduti tas-16 ta' Lulju 2013[11] u tas-16 ta' Mejju 2014[12], irrizulta li ghalkemm is-socjetà Rikorrenti talbet biex tkun tista' tibbenefika mill-iskema kontemplata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012 b'ittra datata **23 ta' Lulju 2012**, hija ghad illi issottomettiet zewg denunzji li kellhom jiddahhlu fil-15 ta' Lulju 2012 u fil-15 ta' Ottubru 2012, naqset milli teffettwa l-pagament relattiv rispettivament ammontanti ghal €5,850.71 u €18,946.40. Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2014 Roderic Sultana ippreciza li: *mela jien kull ma rrid nghid huwa dan, li nixtieq naghmel referenza ghax-xhieda precedenti tieghi jigifieri ghaliha se nirreferi u*

[11] Fol. 37 sa' 40 tal-process.
[12] Fol. 52 sa' 56 tal-process.

*cioè dik tas-16 ta' Lulju tas-sena 2013, fejn jiena kont xehedt illi minkejja r-rikorrent inghata kull opportunità sabiex jigi in line mad-Dipartiment u cioè ma' l-Avviz Legali 112/2012, is-socjetà baqghet sal-gurnata ta' llum ma hallsitx l-ammont ta' taxxa dovut u sottomettiet biss id-denunzji minghajr ma saru l-hlasijiet. Ovvjament dan kien ibiegh billi jidhol fl-iskema minkejja li d-Dipartiment kien rega' offrielu, fil-fatt anke f'verbal*[13] *minnhom fil-process is-Sur Zammit Randich kien rega' tenna li jekk jithallsu dawk iz-zewg pagamenti u jigi rtirat l-appell, jippartecipaw fl-iskema izda s-socjetà naqset milli taghmel dan.*

Fil-fehma tat-Tribunal una volta li s-socjetà Rikorrenti talbet biex tigi awtorizzata tibbenefika mill-Iskema ta' Thassir ta' Imghax u Multi Amministrattivi stipulata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012, hija awtomatikament issottomettiet ruhha ghall-kondizzjonijiet ta' dik l-istess Skema u fl-istess hin obbligat ruhha li tottempera ruhha maghhom b'mod shih – haga li però ghal ragunijiet li taf hi biss ghazlet li ma taghmilx. Fil-kuntest ta' l-Iskema ta' Thassir ta' Imghax u Multi Amministrattivi stipulata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012, irid jinzamm ferm il-principju li din kienet u ghadha opportunità biex *taxpayer* **jirregolarizza darba ghal dejjem** il-posizzjoni tieghu mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ghalhekk ma tistax tintuza mit-*taxpayer* bhala mezz kif jottjeni *a one-off discount* mid-debitu tieghu versu d-Dipartiment, kif donnha qed tipprova taghmel is-socjetà Rikorrenti.

Fid-dawl ta' tali cirkostanzi ghalhekk, fil-fehma tat-Tribunal id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kien gustifikat, u in verità ma setghax jaghmel mod iehor, f'li jichad it-talba tas-socjetà Rikorrenti biex tigi awtorizzata tibbenefika mill-Iskema ta' Thassir ta' Imghax u Multi Amministrattivi stipulata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012.

Is-socjetà Rikorrenti tilmenta mill-fatt li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) qatt ma gibdilha l-attenzjoni dwar il-mankanza fir-rigward tad-denunzji li kellhom jiddahhalu fil-15 ta' Lulju 2012 u fil-15 ta' Ottubru 2012, ossia li qatt ma infurmaha li sakemm ma jsirx il-hlas relattiv ghal dawn iz-zewg denunzji t-talba taghha ma kenitx se tigi milqugha. Fil-verità t-Tribunal ma jarax ghaliex id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kellu ghalfejn jghid lis-socjetà Rikorrenti biex teffettwa dawn il-pagamenti meta hija kienet ben konsapevoli li ma effettwatx l-istess pagamenti u dan in vjolazzjoni cara tal-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012, senjatament tal-kondizzjoni stipulata appuntu fl-Artikolu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012. Ghalkemm id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) talabha teffettwa l-hlas relattiv ghad-denunzja ghall-perijodu ta' taxxa 01.09.2011-30.11.11 biex tkun **elegibbli** ghall-Iskema – u dana hawnhekk a tenur tal-*proviso* ta' l-Artikolu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012 – l-istess Direttur Generali ma kellux u ma ghandux l-obbligu li jkun hu li jassigura ruhu, u dana billi jimbotta lit-*taxpayer* biex debitament jissottometti id-denunzji tat-taxxa tieghu bil-pagamenti relattivi, li l-kondizzjonijiet stipulati fl-Annes A ta' l-Avviz Legali 112

[13] Verbal tas-seduta tal-25 ta' Novembru 2013, fol. 42 tal-process.

ta' l-2012 ikunu qed jigu debitament osservati u onorati mill-istess *taxpayer* biex dan fl-ahhar mill-ahhar **jibbenefika** mill-Iskema hemm kontemplata.

Jigi ribadit li una volta li *taxpayer*, fil-kaz in ezami s-socjetà Rikorrenti, jitlob biex jigi awtorizzat jibbenefika mill-Iskema ta' Thassir ta' Imghax u Multi Amministrattivi kontemplata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012, huma jkun f'dak il-mument qed jobbliga ruhu li jottempera ruhu b'mod shih mal-kondizzjonijiet kollha hemm stipulati u ghalhekk l-obbligu uniku u principali ta' ottemperazna shiha mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness A ta' l-Avviz Legali ta' l-2012 huwa fuq it-*taxpayer*, f'dan il-kaz is-socjetà Rikorrenti, biss u hadd izjed.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li l-aggravju fil-mertu tas-socjetà Rikorrenti fir-rigward tad-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) datata 28 ta' Novembru 2012, ukoll ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tas-socjetà Rikorrenti kif dedotti minnha fir-Rikorsipprezentat fil-21 ta' Dicembru 2012.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà Rikorrenti.

A tenur ta' l-Artikolu 5(3) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li din is-sentenza tigi notifikata lis-socjetà Rikorrenti u lill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**